MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2013

Numru 1296/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**VANESSA CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Vanessa Camilleri ta’ 29 sena mwielda Pieta’ nhar il-21 ta’ Mejju, 2012 bint Michael u Maria Doris nee’ Scicluna u residenti Blk D, Flat 15, Triq il-Ward, Zabbar. Detentrici ta’ karta ta’ l-identita Nru 221683(M)

Giet akkuzata talli:-

Nhar il-11 t'April, 2012 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18.30 Hrs) u fil-hinijiet ta' qabel minn gewwa Triq il-Korsa, Marsa u minn bnadi ohra fil-gzejjer Maltin, ikkommettiet serq ta' credit cards u flus kontanti, liema serq ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Keith Grech, liema serq huwa aggravat bil-'valur';

U aktar talli fl-istess lok, data u hin mill-A.T.M. tal-Bank H.S.B.C., Marsa b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija  u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletix centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' l-istess Keith Grech.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Rat l-artikoli 17, 261(c), 267, 279(a), 308 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Vanessa Camilleri, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputata u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Vanessa

Camilleri ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputata Vanessa Camilleri tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Vanessa Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------